**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 12**

**25 ta' Frar 2025**

Il-laqgħa numru 12 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-25 ta' Frar fi 16.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd għalkemm Matthew u Daniel avżaw li ser ikunu ftit tard

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **12** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. |
| | |
| **12.1** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | Is-Sur Matthew Bugeja kien bagħat email b'xi kjarifikazzjonijiet, kemm għal laqgħa 11 u anke għal laqgħa 11(kont) u dawn kienu ġew tranġati qabel il-laqgħa. Id-DES qalet li Matthew kien irrimarka fuq il-minuti ta' laqgħa 11 (kont) li fuq Triq l-Arznell, il-parking sa fejn kien jaf hu kellu jibqa' kif inhu. Is-Sindku ikkonferma li kien hemm vot u għalhekk dak il-vot kien jodd.<br><br>Dawn ġew iffirmati mis-sindku u Deputat Segretarju Eżekuttiv u minn Miriam Camilleri bħala proponenet u Reno Bugeja bħala sekondant. |
| | |
| | |
| **12.2** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 12.2.1<br><br><br><br><br><br><br><br><br><br>12.2.2<br><br><br><br><br><br><br>12.2.3 | Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-periti fuq Triq L-Arznell. Fil-laqgħa kien hemm rappreżentanti tal-Water Service, u dawn ikkonfermaw li ser jgħaddu sistema ġdida tal-ilma fuq iż-żewġt naħat tal-bankini sabiex hekk ikun hemm bżonn li jinqalgħu aktar tard ma jkunx hemm għalfejn tinqala' triq.<br><br>Is-Sindku qal ukoll li inbdiet il-bankina imma twaqqaf ix-xogħol għax is-sid tal-ħajt li kellu jinbarax ftit qal li għadu ma tħallasx minn meta infetħet it-Triq. Is-Sindku qed jiċċekkja mal-IM u PA.<br><br><br>Is-Sindku qal li fuq il-parking ta' Triq L-Arznell hu jixtieq jgħaddi osservazzjoni li bid-deċiżjoni tal-parking kif inhi fuq naħa waħda ser ikun hemm problema hekk it-triq tinqaleb u tiġi tidħol minnha minflok toħroġ. Pero alissa id-deċiżjoni hi dik li hi.<br><br><br>Hawnhekk daħal Daniel<br><br>Is-Sindku qal li saru tabelli ġodda ta' Merħba f'Marsaxlokk. Għal dawn is-sindku ġab sponsor. |

| | |
|---|---|
| 12.2.4<br><br><br><br><br>12.2.5 | Is-Sindku informa li l-Kunsill kellu fondi għal Van eletrikku li kienu ġew minn skema tal-LESA, pero' għal ammont ta' fondi li kellu l-kunsill, l-amministrazzjoni ma setgħetx issib van tajjeb. Għalhekk saret talba lil LESA sabiex il-fondi jintużaw għal karozza elettrika 5-seater sabiex tintuża għal komunita'. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.<br><br>Is-Sindku qal li id-DES kellha laqgħa ma Project Green u l-periti fuq id-dog park fejn ġibdet l-attenzjoni li kien qed ikun hemm dewmien eċċessiv, u li kien qed jiġi jiswa' ħafna flus lil kunsill. |
| | Hawnhekk daħal Matthew |
| | |
| **12.3** | **Skemi maħruġa mid-DLG** |
| | Id-DES spjegat li id-DLG ppreżenta l-ewwel pakkett ta' skemi għal Kunsilli lokali |
| **12.3.01** | **Skema Komunitajiet aktar nodfa** |
| | Id-DES spjegat li din l-iskema toħroġ kull sena fejn il-kunsill jista' jorganizza clean up. Bħala fondi kien hemm allokati Euro 1500 inkluż il-VAT. Għaldaqstant il-kunsill qabel li ssir cleanup fl-area ta' Delimara nhar it-13 ta' Settembru 2025. |
| **12.3.02** | **Skema Attivitajiet kulturali Annwali 2025 – 2026** |
| | Id-DES spjegat li din l-iskema tiffoka fuq il-kultura tal-post u għaldaqstant kienet qed tipproponi attivta li jdur madwar it-tema tas-sajd, ħut, u bini tad-dgħajjes, dgħajjes tradizzjonali kif ukoll elementi oħra li jżewqu l-kultura ta' Marsaxlokk.<br><br>Bħala fondi kull kunsill jista' jieħu sa massimu ta' 20,000 Euro li jammontaw għal 85%. Il-Kunsill irid jiffinanzja il-15% li jammontaw għal 3000 Euro. Għalhekk b'kollox l-attivita għanda budget ta' 23000Euro.<br><br>Il-Kunsill qabel li l-attivita għand tiffoka fuq il-ħut, sajd, dgħajjes u sajjieda, kif ukoll elementi oħra bħal inbid li jżewqu l-kultura Xlukkajra. Kien hemm qbil ukoll li issir fil-Pjazza u Xatt. L-attivita ser issir nhar il 20 ta' Ġunju 2025. L-attivita ser ikun jisimha Riħ Mix-Xlokk |
| **12.3.03** | **Skema Milied**<br>Id-DES spjegat li din l-iskema kienet tgħati l-opportunita lill-Kunsilli Lokali jorganizzaw attivitajiet f'dan il-perjodu. L-attivita kellha ssir bejn 1 ta'Diċembru u 8 ta' Jannar. Id-DES spjegat li hi kienet saqsiet b'email lid-DLG fuq hekk jikkunsidrawx jinkludu il-31 ta' Novembru fl-iskema, peress li f'Marsaxlokk kien hemm it-tradizzjoni li l-mixgħela ssir lejn l-eqreb Ħadd ħdejn l-1 ta' Diċembru. Id-DLG kienu irrispondew li fl-iskema kella tittniżżel din it-tradizzjoni u l-board jieħdu nota. Hekk ikun hemm xi oġġezzjoni l-board kien isaqsi għal kjarifika jew bdil fid-data. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsill seta' jibbenefika sa massimu ta' Euro 15,000 (VAT inkluża) li jammonta għal 85% tal-ispiża. L-Kunsill irid joħroġ kontribut ta' 15%, li jammonta għal Euro 2250.<br><br>Kien hemm qbil li dawn il-flus imorru għal Christmas Market, kif ukoll il-Mixgħela tat-toroq ta' Marsaxlokk. |
| | |
| **12.4** | **Mistoqsijiet mis-Sindku** |
| | Miriam saqsiet dwar il-mera ta' Delimara, is-sindku qal li din ser issir bħalma informa qabel. Qed jistenna li jaslu l-mirja.<br><br>Miriam saqsiet dwar it-tarmac għat-trqi ta' Delimara. Is-Sindku qal li l-problema hi l-flus għax din tiġi tiswa' kważi 2,000 Euro u hekk tagħmel ħafna xita jerga' jinqala kollu. Hu qal li ta' proposta lil gvern fuq triq li teżisti diġà u li l-art hi tal-gvern, imma s'issa ma kienx hemm risposta.<br><br>Miriam saqsiet ukoll hekk iz-zebra crossing ta' ħdejn il-ground setgħetx tiċċaqlaq minħabba li qeda wisq ħdejn l-istage. Is-Sindku qal li kien ser jiċċekkja |
| | |
| **12.5** | **Byelaws** |
| | 12.5.1 Monti |
| | Id-DES spjegat li din il byelaw kienet l-istess waħda li kienu ħadmu fuqha xi xhur ilu. Id-DES kellmet lil avukat sabiex din il-byelaw tinkludi l-amendi li kienu bagħtu l-kunsilliera. Għalhekk id-DES qrat din il-byelaw.<br><br>Hawn hekk il-kunsillier Daniel Zerafa ma vvutax minħabba konflitt ta' interess. Il-bqija tal-kunsilliera qablu kollha mal-kitba ta' din il-byelaw. |
| | |
| | 12.5.2 Latrini |
| | Id-DES spjegat li hi kienet fittxet ftit fuq l-internet u sabet byelaw diġà eżistenti għal-latrini f'Marsaxlokk. Għalhekk id-DES qrat din il-byelaw ta' 2012. Il-Kunsill qabel li l-byelaw tibqa' kif inhi imma l-ħlas minflok Euro 0.30 isir Euro 1.50<br><br>Fuq dan kien hemm qbil unanimu. |
| | |
| | 12.5.3 Oġġetti ta' Żgombru |

| | |
|---|---|
| | Id-DES spjegat li fuq din kien hemm diġà byelaw u kien beda l-proċess sabiex issir l-amenda. Għalhekk id-DES qrat il-byelaw eżistenti u spjegat fejn kien hemm id-diverġenzi mal-ammendi.  Kien hemm proposta li punt 6b jinkludi li mal-permess wieħed irid iġib ukoll, stqarrija tas-sid, u tal-kerrej kif ukoll l-kopji tal-ID Cards.<br><br>Fuq din il-byelaw kien hemm qbil unanimu. |
| | Għalhekk il-DES kellha tibda l-proċess sabiex jagħmlu ic-checklists u jintbgħatu lid-dipartiment għal approvazzjoni. |
| | Peress li kien sar il-ħin ġie deċiż li Byelaw Attivitajiet fil-beraħ tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. |
| | |
| **12.6** | Unaudited Financial Statements |
| | Id-DES infurmat li l-accountant kien ser jidħol online peress li kien ma jiflaħx.  L-accountant spjega li dawn il-unaudited financial statements ma tantx kienu differenti mill-Q4 li ġew spjegati fil-laqgħa li għaddiet.  Fuq Paġna 2 fl-income statement wieħed jista' jara li l-income żdied b'25K dan minħabba li żdiedet ftit l-allokazzjoni kif ukoll id-dħul inġenerali.<br><br>L-ispejjeż ukoll naqsu b'4K.  Dan jinkludi anke l-aġġustament taż-żieda tal-Cola li għal 2024 kienet waħda sostanzjali. L-ispejjeż amministrattivi naqsu b'45K.  Kif wieħed jista' jara minn paġna 3 l-assi kapitali żdiedu wara li tneħħa d-diprezzament imma naqas ukoll il-cash.  Retained earning naqsu ukoll għal 111K.<br><br>F'Paġna 12 nara li l-allokazzjoni żdiedet u f'paġna 14 wieħed jista' jara li tipping fees irdupjaw mis-sena 2023.  Tnaqqsu ħafna l-ispejjeż li l-kunsill kellu kontroll fuqhom imma l-kredituri kibru peress li l-kunsill qed iħallas inqas malajr.  Dan il-kontroll hemm bżonnu sabiex jitnaqqas l-impatt tal-cash flow.<br><br>Matthew ikkummenta li l-iżbilanċ tnaqqas minn 2023 minkejja l-fatt li tipping fees iktar minn irdupjaw.  Hu qal ukoll li l-iżbilanċ tnaqqas ukoll minkejja l-fatt li l-gvern għamel tibdil fuq il-ħlas tal-campers.  Il-kunsill xorta waħda irnexxilu ikabbar l-income ġenerat.<br><br>Fuq dawn l-unaudited financial statement kien hemm qbil unanimu |
| | |
| **12.7** | Għelqu ta' Xatt is-Sajjieda |
| | Matthew kien qed jipproponi li jibda proġett pilota fejn Xatt is-Sajjieda jiġi pedonali fl-aħħar tal-Ġimgħa bi prova.  Hu qed jisuġerixxi li Xatt jingħalaq għal karozzi bejn Ġunju u Settembru, il-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd filgħaxija bejn 19.00 u 01.00am, mill-pjazza sa Triq Sant'Andrija.  L-iskop kien sabiex ikun hemm prova ta' kif ser taħdem is-sistema u mbgħad il-kunsill ikun jista' jiddeċiedi. |

| | |
|---|---|
| | Is-sindku qal li għalkemm hu jaqbel li jingħalaq ix-xatt u kien hemm diġà vot fuqu, bħalissa ma kienx hemm toroq alternattivi għax Triq l-Arżnell bħalissa qed tinqala'. Reno qal li ma jaqbilx li Triq Bartelemy daqqa tkun naħa u daqqa oħra u għanda tinqaleb biss għal festa. Hu saqsa hekk kif kienet ser tkun fil-masterplan u sindku wieġeb li dħul. Reno qal li mela għanda tibqa' hekk. Matthew qal li hu jaqbel ukoll li għanda tkun l-istess jew dħul biss jew ħruġ biss is-sena kollha u mhux daqqa hekk u daqqa hekk.<br><br>Għaldaqstant kien hemm qbil li għalissa jibqa' kollox kif inhu sakemm ikun hemm toroq alternattivi. |
| | Il-laqgħa li jmiss ser issir fil-binja tal-kunsill nhar is-17 ta' Marzu fl-16.30 |

Konfermati, illum 17 ta' Marzu, 2025.

**IFFIRMATI**

**IFFIRMATI**

_________________________
**Steven Grech**
*Sindku*

_________________________
**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATI**

**IFFIRMATI**

_________________________
***Proponent***

_________________________
***Sekondant***